



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.12.2015
COM(2015) 656 final

ANNEX 1

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2015
ta'
li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE
Proposta tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2015 ta' li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/359 tal-4 ta' Marzu 2015 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istatistika dwar infiq u finanzjament għall-kura tas-saħħa¹ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 18z5 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 205/2014) tal-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE:

‘18z6. **32015 R 0359:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/359 tal-4 ta' Marzu 2015 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istatistika dwar infiq u finanzjament għall-kura tas-saħħa (ĠU L 62, 6.3.2015, p.6).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Il-Liechtenstein huwa eżentat milli jipprovdi dejta separata dwar il-kura kurattiva matul il-jum (HC.1.2.), il-kura riabilitattiva matul il-jum (HC.2.2) u l-kura tas-saħħa fit-tul matul il-jum (HC.3.2), li jiġi inklużi fid-dejta mogħtija dwar il-kura kurattiva tal-pazjenti ta' barra (HC.1.3), il-kura riabilitattiva tal-pazjenti ta' barra (HC.2.3) u l-kura tas-saħħa fit-tul għal pazjenti ta' barra (HC.3.3), rispettivament.
- (b) Il-Liechtenstein huwa eżentat milli jipprovdi dejta dwar skemi ta' finanzjament tal-intrapriżi (HF.2.3). Din l-eżenzjoni għandha tkun soġġetta għal rieżami mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kull meta ċifri mogħtija mil-Liechtenstein juru li n-nefqa fuq skemi ta' finanzjament tal-intrapriżi fil-Liechtenstein ma jibqgħux negliġibbli.

¹ ĠU L 62, 6.3.2015, p. 6.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 2015/359 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fi [...], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE għal, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

[...]

Is-Segretarji

għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

* [L-ebda rekwiżit kostituzzjonali mhuwa indikat.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]